Prim Ministru

Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar

Chairperson,
Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi

**A.L. -- tal-2020**

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**
**(KAP. 549)**

**Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Is-Sit ta' Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mill-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, u wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**
**S.L. 549.83.**

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sit ta' Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Sit ta' Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

**Jemeda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.**
**2.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "Bord" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

**"L.S. 549.106.**

"falkunerija" tfisser l-isport tal-ikkaċċjar jew it-teħid ta' speċi kaċċabbli bil-falkun u għandha tinkludi ż-żamma, it-titjir, it-taħriġ u, jew, il-wiri tal-falkun imħarreġ skont id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Falkunerija) u għandha teskludi il-kaċċa jew it-teħid b'mezzi oħra;

(b) it-tifsira "kaċċa" u "tikkaċja" għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira li ġejja:

" "kaċċa" u "tikkaċja" tfisser tikkaċċja bl-użu ta' arma tan-nar jew arma oħra ta' kull tip sabiex tikkaċċja għasafar selvaġġi jew fenek selvaġġ *(Oryctolagus cuniculus)*;"

(ċ) it-tifsira " "tieħu" u "teħid" " għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "tieħu" u "teħid" tfisser l-insib tal-għasfar jew it-teħid tal-fenek selvaġġ u teskludi l-falkunerija;".

**Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.**

**3.** Minnufih wara r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:

**"Falkunerija.**
**L.S. 549.106.**

**4A.** Il-falkunerija tista' tiġi ppratikata fil-Park skont id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Falkunerija):

Iżda ebda persuna fi kwalunkwe parti tal-Park, m'għandha tkun fil-pussess jew kontroll ta' xi għasfur selvaġġ jew fenek selvaġġ, kemm ħaj jew mejjet, kemm sħiħ jew parti minnu, barra mill-ħinijiet permissibbli li fihom tista' tiġi ppratikata l-falkunerija."

**Jemeda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.**

**4**. Is-subregolament (2) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"**L.S. 549.42.**

(2) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kwalunkwe persuna li tikkommetti reat taħt is-subregolamenti 3(1) sa (8), u l-pieni kontemplati f'dawk ir-Regolamenti għandhom japplikaw meta dik il-persuna tinsab ħatja."